# Tema: Min taħseb li int? – L-identità

## Taqsima 1: X'inhi l-identità tiegħi?

X'inhuma l-fatturi li jagħmluna min aħna? Din it-taqsima tgħinna nagħtu ħarsa lejna nfusna u nippruvaw nidentifikaw il-persuni, il-postijiet u l-affarijiet li jgħinuna noħolqu sens tagħna nfusna.

*Attenzjoni: Din l-unità fiha links għal siti tal-internet bħal YouTube. Il-kontenut ta' siti esterni hu suġġett għal tibdil u għandu jkun sorveljat biex jiġi żgurat li jkun adatt għall-istudenti.*

**Riżultati tat-tagħlim f'din it-taqsima**

L-istudenti tiegħek se jkunu jistgħu:

- jiddefinixxu l-identità bħala element li mhux fiss, element malleabbli
- jirrealizzaw li l-identitajiet differenti huma xi ħaġa li għandha tiġi apprezzata u rispettata
- jifhmu li kull nazzjon għandu metodi jew għodda biex joħloq dawk li huma magħrufa bħala identitajiet 'kollettivi'
- jiżviluppaw l-opinjonijiet meqjusa tagħhom dwar l-idea ta' identità Ewropea / identitajiet Ewropej

**Riżorsi pprovduti**

| | |
|---|---|
| Riżorsa 1 | mudelli ta' pupi Russi |
| Riżorsa 2 | mapep tal-Ewropa u l-pittura '*Europa*' |
| Riżorsa 3 | muniti tal-euro |
| Riżorsa 4 | karikaturi tal-Ewropej |

**Attività għall-klassi nru 1: X'inhu dak li jagħmilni min jien? (ħin allokat: 20 minuta)**



*Sors: © Shutterstock*

Agħmel diskussjoni mal-istudenti dwar x'jifhmu bil-kelma "identità". Huma jemmnu li jeżisti element wieħed li jiġbor fih l-idea ta' min huma? Jew hemm diversi elementi u karatteristiċi involuti fit-tiswir tagħhom bħala l-persuni li huma llum? L-identità hija individwali jew kollettiva? Tista' tkun it-tnejn li

huma? L-identità sikwit tintuża flimkien ma' termini bħal "nazzjonalità" u "ċittadinanza", iżda wkoll b'rabta ma' karatteristiċi bħal "fiżika", "soċjoekonomika", "reliġjuża" u "kulturali", fost l-oħrajn. Biex twassalhom biex jaħsbu dwar dawn il-mistoqsijiet, tista' tuża sorsi letterarji bħal siltiet minn bijografiji jew awtobijografiji: eżempju siewi ħafna huwa l-ewwel paragrafu tal-ktieb ta' Amin Maalouf '*Les Identités meurtrières (l*-Identitajiet Qattiela), li ġie tradott f'bosta lingwi. (Il-verżjoni bl-Ingliż hija: '*In the Name of Identity: Violence and the Need to Belong'*.

Itlob lill-istudenti jaħsbu individwalment dwar dawn l-elementi u l-karatteristiċi li jagħmluhom min huma, filwaqt li jżommu f'moħħhom uħud mill-kunċetti msemmija hawn fuq. Ħeġġiġhom jintroduċu elementi addizzjonali li forsi ma kinux ġew diskussi. Itlob lill-istudenti jaħsbu dwar it-tweġibiet għal din il-mistoqsija u jiktbu jew ipinġu r-reazzjonijiet tagħhom fil-mudelli tal-pupi Russi fir-Riżorsa 1, u jagħtu r-raġunijiet tagħhom. L-akbar pupa tirrappreżenta l-identità li l-istudent jidentifika l-aktar magħha, waqt li l-iżgħar waħda tirrappreżenta dik li l-istudent jidentifika l-inqas magħha. Wara poġġi t-tweġibiet tagħhom fuq il-bord tal-klassi, jew inkella fuq għodda tar-reazzjonijiet online bħal AnswerGarden, u nnota kif jikber id-daqs tal-aktar termini popolari. L-istudenti għandhom jiktbu isimhom fuq in-naħa ta' wara tal-pupi għax dawn se jeħduhom lura qabel l-aħħar attività tat-taqsima. Importanti ħafna li jiġi enfasizzat li l-esplorazzjoni tal-karatteristiċi differenti li jiffurmaw l-identitajiet tal-istudenti hija ħaġa pożittiva — riflessjoni li l-identità mhix sempliċiment kunċett speċifiku wieħed iżda fil-fatt tikkonsisti f'aspetti differenti.

**Attività fi gruppi nru 1: Oħloq stat tiegħek! (ħin allokat: 15-il minuta)**

Aqsam il-klassi fi gruppi ta' bejn wieħed u ieħor l-istess daqs. Itlob lill-istudenti jimmaġinaw li ntalbu jibnu stat ġdid fjamant li fih iċ-ċittadini kollha jħossuhom li jappartjenu għalih. Iċ-ċittadini ta' stat b'identitajiet, drawwiet u twemmin differenti ħafna kif jistgħu jgħixu flimkien b'mod paċifiku? Dan kien sfida fl-imgħoddi u għadu sfida għall-pajjiżi llum il-ġurnata. Itlob lill-istudenti jfasslu ftit ideat u jużaw dan li ġej bħala gwida:

- esperjenzi komuni
- storja politika/legali komuni
- ritwali komuni (pereżempju l-elezzjonijiet)
- ideoloġiji komuni/drittijiet komuni
- simboli komuni (pereżempju bandiera, innu, passaport, munita)
- ideali tar-rispett u komprensjoni interkulturali

Waqt li l-gruppi jiżviluppaw l-ideat għall-istat ġdid tagħhom, huma għandhom iqabbluhom u jsibu – xxebh u d-differenzi ma' dawk ta' gruppi oħra u mal-funzjonament ta' pajjiżhom. Huwa importanti ħafna li tispjega lill-istudenti tiegħek id-differenza bejn "stat" u "nazzjon" billi tirreferi għad-definizzjonijiet fil-bidu ta' din it-taqsima. L-istudenti tiegħek jaf joħorġu b'modi saħansitra aqwa biex jinbena stat iktar inklużiv!

**Attività fi gruppi nru 2: Huwa possibbli li niddefinixxu identità Ewropea? (ħin allokat: 20 minuta)**



*Sors: © Shutterstock*

L-idea ta' identità nazzjonali hi xi ħaġa li ħafna nies huma familjari magħha, iżda teżisti identità komuni Ewropea? Ħafna Ewropej issa huma parti minn unjoni ekonomika u monetarja, iżda dawn l-elementi waħedhom joħolqu identità komuni lil kontinent mimli popli differenti? L-idea ta' identità Ewropea komuni hija possibbli f'kontinent b'patrimonji u kulturi tant differenti? Bħalma l-identitajiet personali jinbidlu u jiċċaqilqu, il-kunċetti ta' identità Ewropea tal-passat u tal-preżent ukoll jinbidlu u jieħdu sura differenti; sura ġdida.

Aqsam lill-istudenti fi gruppi żgħar u qassam ir-Riżorsa 2. Itlob lill-gruppi jsibu x-xebh u d-differenzi fil-mapep tal-Ewropa minn sekli differenti biex jifhmu kif l-Ewropa kienet post fejn il-fruntieri jinbidlu kontinwament, u dan jolqot direttament l-identitajiet ta' dawk li jgħixu fil-kontinent. L-istudenti se jħarsu wkoll lejn il-pittura "Europa: *Work in Progress*' mill-wirja permanenti ta' Dar l-Istorja Ewropea u jesploraw it-tifsira tagħha b'rabta mal-mapep. Itlobhom iwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin, li jinsabu wkoll fir-Riżorsa 2:

- X'tinnota meta tqabbel it-tliet mapep tal-Ewropa miż-Żminijiet tan-Nofs, ir-Rinaxximent u s-seklu 20? Tħossok sorpriż b'xi mod jew ieħor?
- Fil-pittura "Europa: *Work in Progress'* il-kontorni ġeografiċi tal-Ewropa huma daqqiet ħoxnin tal-pinzell: x'tip ta' impressjoni toħloq din it-teknika? X'taħseb li l-artist qed jipprova jgħid dwar l-Unjoni Ewropea bl-użu ta' din it-teknika? X'inhuma s-similaritajiet u d-differenzi bejn din ix-xbiha u t-tliet mapep tal-Ewropa li għadek kemm rajt?
- Dawn il-mapep differenti jwassluk biex taħseb b'mod differenti dwar l-identità nazzjonali jew Ewropea tiegħek?

Organizza diskussjoni fil-klassi u itlob lill-gruppi jaqsmu bejniethom it-weġibiet tagħhom u jagħtu rispons lil xulxin.

**Attività fi gruppi nru 3: L-Ewropej huma verament "Magħquda fid-Diversità"? (ħin allokat: 10 minuti)**

Bulgarian: Единство в многообразието
Croatian: Ujedinjeni u različitosti
Czech: Jednotná v rozmanitosti
Danish: Forenet i mangfoldighed
Dutch: In verscheidenheid verenigd
English: United in diversity
Estonian: Ühinenud mitmekesisuses
Finnish: Moninaisuudessaan yhtenäinen
French: Unie dans la diversité
German: In Vielfalt geeint
Greek: Ενωμένοι στην πολυμορφία
Hungarian: Egység a sokféleségben
Irish: Aontaithe san éagsúlacht
Italian: Uniti nella diversità
Latvian: Vienoti daudzveidībā
Lithuanian: Suvienijusi įvairovę
Maltese: Magħquda fid-diversità
Polish: Zjednoczeni w różnorodności
Portuguese: Unidade na diversidade
Romanian: Unitate în diversitate
Slovak: Zjednotení v rozmanitosti
Slovene: Združeni v različnosti
Spanish: Unida en la diversidad
Swedish: Förenade i mångfalden

*Sors: is-sit tal-Unjoni Ewropea*

"Magħquda fid-diversità" huwa l-motto tal-Unjoni Ewropea, li tista' tarah hawnhekk bil-lingwi differenti tal-Ewropa. Il-motto jirrikonoxxi d-diversità enormi ta' popli, kulturi u tradizzjonijiet madwar il-kontinent, iżda jissuġġerixxi wkoll li hemm xi elementi li dawn il-popli u pajjiżi għandhom komuni bejniethom. Eżempju ieħor ta' din id-duwalità hu l-muniti tal-euro, li għandhom wiċċ wieħed komuni u wiċċ wieħed nazzjonali li hu differenti għal kull pajjiż taż-żona tal-euro. Aqsam il-klassi tiegħek fi gruppi żgħar u itlobhom iħarsu lejn ir-riproduzzjonijiet tal-muniti tal-euro fir-Riżorsa 3 u jwieġbu l-mistoqsija li ġejja li tidher ukoll fir-Riżorsa:

- Taħseb li d-disinji tal-muniti tal-euro huma eżempju tajjeb tal-motto tal-UE? Agħti raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.



*Sors: © Shutterstock*

Itlob lill-gruppi jaqsmu bejniethom ir-reazzjonijiet tagħhom waqt diskussjoni bħala klassi. Imbagħad għin lill-istudenti jirrealizzaw, permezz tal-eżempju tan-naħat nazzjonali tal-munita

tal-euro, kif l-istorja u l-memorja xi drabi jaqdu rwol importanti fid-definizzjoni ta’ identità kollettiva u l-mod kif nazzjon jew stat jiddefinixxi lilu nnifsu. Itlobhom jaħsbu dwar xi jfisser dan fil-livell Ewropew: il-memorji ta’ avvenimenti storiċi, kemm tajbin kif ukoll ħżiena, sikwit jitqiesu bħala elementi li jgħaqqdu lill-Ewropej flimkien. L-istudenti tiegħek jaqblu ma’ din l-idea? Għall-istudenti, liema tipi ta’ avvenimenti tal-imgħoddi jaħsbu li jaf joħolqu sens ta’ identità Ewropea komuni? Ġegħelhom iqisu għalfejn xi nies jaf ma jħossux li huma parti minn identità ‘Ewropea kondiviża’, u għalfejn dan jaf ikun il-każ.
Biex tkompli tgħin lill-istudenti fir-rigward tas-suġġett tal-idea ta’ identità Ewropea komuni, ara dan il-blog. Dan jista’ jintuża bħala materjal ta’ preparazzjoni għal lezzjoni jew għal sessjoni ta’ lezzjonijiet.




*Sors: [is-sit 'Debating Europe']*

Huwa importanti li lill-istudenti tiegħek tispjegalhom li l-fehmiet sterjotipati ta’ identitajiet Ewropej differenti dejjem eżistew u għadhom preżenti fil-kuxjenza pubblika. Il-karikaturi huma maħsuba biex ikunu umoristiċi, madankollu jistgħu joffendu u jweġġgħu is-sentimenti tan-nies. Qassam ir-Riżorsa 4 lill-istudenti tiegħek u ddiskutu flimkien fil-klassi r-reazzjonijiet tagħhom dwar kif jidhru l-identitajiet Ewropej fiż-żewġ stampi. Itlobhom jaraw id-differenzi u s-similaritajiet bejniethom: permezz ta’ eżerċizzju ta’ tqabbil u kuntrast tal-eżempji storiċi u kontemporanji, huma ser jifhmu aħjar it-tifsira tal-karikaturi b’mod ġenerali.




*Sors:*

L-artist Ċek David Cerny ħoloq ukoll biċċa xogħol artistika kontroversjali li tilgħab b'ideat ta' identità Ewropea u sterjotipi antiki. L-iskultura tiegħu *"Entropa"* kienet għall-wiri fil-bini Justus Lipsius fi Brussell fl-2009. Ħares lejn ix-xbihat li ġejjin ta' "*Entropa*" mal-istudenti tiegħek u isma' r-reazzjonijiet tagħhom dwar dan ix-xogħol artistiku u dwar x'jaħsbu li l-artist seta' kien qed jipprova jgħid dwar l-identità Ewropea.



*Sors: Sebastien Pirlet/Reuters*

**Attività għall-klassi nru 2: Saffi ta' identità (ħin allokat: 10 minuti)**

Itlob lill-istudenti jimmaġinaw li jinsabu fis-sitwazzjoni li ġejja: tlaqt mill-Ewropa u qed iżżur kontinent ieħor. Xi ħadd jistaqsik minn fejn int. Kif tirrispondi? Issemmi r-reġjun tiegħek, il-belt tiegħek, in-nazzjonalità tiegħek? Li int mill-Ewropa? Xi ħaġa oħra?

Barra minn hekk, itlobhom jerġgħu jaraw it-tweġibiet li kitbu dwar il-pupi Russi fl-attività għall-klassi nru 1. Kienu semmew lill-Ewropa bħala element mill-identità tagħhom f'dak l-istadju? Jekk iva, xi prijorità tawha fir-rigward tal-elementi oħra? Issa li rriflettew u ddiskutew is-suġġett tal-identità Ewropea, jagħtuha iktar importanza?

Uża t-tweġibiet ta' din l-attività biex tmexxi dibattitu dwar sa liema punt l-istudenti jaraw l-identitajiet tagħhom bħala konnessi ma' pajjiżhom, iżda wkoll mal-Ewropa b'mod ġenerali. Iħossu konnessjonijiet ma' identità Ewropea usa'? Jekk iva, x'jistgħu jkunu dawn il-konnessjonijiet? Jekk le, għaliex?